**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 137/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Vs**

**Roderick Mamo**

**Illum 26 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Roderick Mamo, iben il-mejjet Anthony u Maria Christine Mamo neè Ellul, imwieled il-Pietà fit-2 ta' Mejju 1987, residenti f'Nru. 12, Triq Santu Rokku, Balzan, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0255487(M), talli matul il-jum ta' l-20 ta' Frar 2022, ġewwa l-fond bin-numru 12, Triq Sanut Rokku, Balzan, f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u cioè ta' ommu Maria Christina Mamo, mobbli jew immobbli ġewwa r-residenza tagħha fil-fond bin-numru 12, Triq Santu Rokku, Balzan, liema ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt Euro (€2,500);
2. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi kkaġuna lil ommu Maria Christina Mamo biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra il-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 222(1)(a), 251B(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 2(b)(h) tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bħala detentur ta' liċenza ta' l-armi ma żammx armi u munizzjoni imniżżlin taħt l-Iskeda I u l-Iskeda II li jinsabu mal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, maqfulin sew f'post sigur ġewwa l-imsemmija residenza u żgura li ħadd ħliefu ma jkollu aċċess għalihom;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala persuna li għandu liċenzja biex iżomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma żammx fil-kustodja tiegħu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddieħor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 47(1) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala detentur ta' liċenza taħt xi dispożizzjoni ta' l-Att dwar l-Armi, naqas milli jħares il-pattijiet tal-liċenza jew li

kellu fil-pussess jew kien ġarr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati fil-liċenza maħruġa lilu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data u cioè nhar l-20 ta' Frar 2022, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Balzan, sitwata fi Pjazza Bertu Fenech, Balzan, u cioè ġewwa proprjetà pubblika, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta jew/u Gvern ta' Malta jew/u entitajiet oħra, liema ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt Euro (€2,500);

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) f'każ ta' ħtija l-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tipprovdi għas-sigurtà ta' Maria Christina Mamo b'garanzija taħt l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll toħroġ Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi jew individwi oħra, skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; sabiex (ii) il-Qorti tittratta parti minn dan il-każ bħala wieħed ta' Vjolenza Domestika ai termini tal-Kap. 584 [recte: 581] tal-Liġijiet ta' Malta; sabiex (iii) f'każ ta' ħtija, il-Qorti tordna l-konfiska ta' armi regolari jew munizzjoni li jkun qed jinżamm jew jinġarr, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Armi, Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex (iv) f'każ ta' ħtija, il-Qorti tħassar jew tissospendi liċenza maħruġa taħt l-Att dwar l-Armi, Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, u tipprojbixxi lill-persuna milli jkollha xi liċenza taħt tali Att għal żmien hekk kif maħsub fl-Artikolu 57 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat li d-Difiża talbet għan-nomina ta' Esperti/Espert Psikjatriku sabiex jiġi stabbilit jekk fiż-żmien tar-reat u fil-kors tal-kumpilazzjoni, l-imputat kienx/huwiex fi stat ta' ġenn jew altrimenti[2];

Rat li b'Digriet datat 21 ta' Marzu 2022[3], il-Qorti nnominat lil Dr. Joseph Cassar bħala Espert Psikjatra sabiex jeżamina lill-imputat għall-fini li jistabilixxi jekk fiż-żmien tar-reat u fil-kors tal-kumpilazzjoni kienx/huwiex fi stat ta' ġenn o meno;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "CC" sa' Dok. "CC4" a fol. 10 sa' 19 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2022[4] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JC" a fol. 28 sa' 34 tal-proċess;

Rat li b'Digriet datat 4 ta' April 2022[5], il-Qorti, fid-dawl tar-Relazzjoni ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar, minn liema rriżulta li l-imputat kien fi stat ta' ġenn ai termini tal-Liġi fil-ħin tal-kummissjoni tar-reati lilu addebitati, ordnat li l-atti tal-kumpilazzjoni, inkluża r-Relazzjoni ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar, jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti fil-Liġi. In oltre ai termini ta' l-Artikoli 402(4) u

---

[1] Fol. 9a tal-proċess.
[2] Vide verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 2022 a fol. 5 tal-proċess u verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2022, fol. 22 tal-proċess.
[3] Fol. 22 tal-proċess.
[4] Fol. 25 sa' 27 tal-proċess.
[5] Fol. 24 tal-proċess.

623 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li l-imputat jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monte Carmeli;

Rat li permezz ta' Nota ppreżentata fis-27 ta' Mejju 2022[6], l-Avukat Ġenerali, ai termini ta' l-Artikolu 402(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bagħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tissokta l-kumpilazzjoni fil-konfront ta' l-imputat;

Semgħet ix-xhieda ta' PS408 Mark Schembri[7], PC2090 Dorianne Farrugia[8], PC212 Elaine Aquilina[9], Vincent Muscat[10] u Maria Christina Mamo[11], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022 u rat id-dokument markat Dok. "MS" a fol. 54 tal-proċess, id-dokument markat Dok. "DF" a fol. 59 tal-proċess, id-dokumenti markati Dok. "EA1" u Dok. "EA2" a fol. 66 u 67 tal-proċess u d-dokument markat Dok. "VM" a fol. 73 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Clint Sammut mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022[12] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "CS" a fol. 80 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC2443 Cameron Pisani[13] u ta' Nazzareno Jones[14] mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Awwissu 2022 u rat id-dokument markat Dok. "NJ" a fol. 87 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal Ċivili Alexia Pace mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Awwissu 2022[15] u rat ir-Rapport tagħha markat Dok. "AP" a fol. 94 sa' 190 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Christabelle Chetcuti mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2022[16] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "CCX" sa' Dok. "CCX2" a fol. 200 sa' 202 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Chris Rolè mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2022[17], semgħet ix-xhieda tat-Tabib Dr. Raymond Ghrixti mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023[18] u x-xhieda ta' l-Ispettur Andrew Agius Bonello mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2023[19] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "AA" a fol. 269 tal-proċess;

Rat li permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 17 ta' Marzu 2023[20], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 325(1)(b), 251B(1)(a), 222(1), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251HA, 202(h)(iii), 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 2(b), 2(h) tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 8(b) tal-Liġi Sussidjarja 480.02 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 47(1), 52, 56, 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B, 533, 579(1), 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[6] Fol. 42 tal-proċess.
[7] Fol. 50 sa' 53 tal-proċess.
[8] Fol. 55 sa' 58 tal-proċess.
[9] Fol. 60 sa' 65 tal-proċess.
[10] Fol. 68 sa' 72 tal-proċess.
[11] Fol. 74 tal-proċess.
[12] Fol. 78 u 79 tal-proċess.
[13] Fol. 82 u 83 tal-proċess.
[14] Fol. 84 sa' 86 tal-proċess.
[15] Fol. 91 sa' 93 tal-proċess.
[16] Fol. 196 sa' 199 tal-proċess.
[17] Fol. 221 sa' 225 tal-proċess.
[18] Fol. 264 u 265 tal-proċess.
[19] Fol. 268 tal-proċess.
[20] Fol. 260 u 261 tal-proċess.

Rat li fis-seduta ta' l-24 ta' April 2023[21], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u wara li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Rat li fis-seduta ta' l-24 ta' April 2023, id-Difiża ddikjarat li fid-dawl tar-Relazzjoni ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar, qed iżżomm ferm ma' l-eċċezzjoni ta' l-istat ta' ġenn ta' l-imputat fiż-żmien meta twettqu r-reati lilu addebitati u li konsegwentement ma għandhiex provi xi tressaq u l-imputat għażel li ma jixhidx;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli matul il-jum ta' l-20 ta' Frar 2022, ġewwa l-fond bin-numru 12, Triq Sanut Rokku, Balzan, f'dawn il-Gżejjer Maltin: (1) Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u cioè ta' ommu Maria Christina Mamo, mobbli jew immobbli ġewwa r-residenza tagħha fil-fond bin-numru 12, Triq Santu Rokku, Balzan, liema ħsara ma tiskorrix €2,500; (2) U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi kkaġuna lil ommu Maria Christina Mamo biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 222(1)(a), 251B(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u artikolu 2(b)(h) tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bħala detentur ta' liċenza ta' l-armi ma żammx armi u munizzjoni imniżżlin taħt l-Iskeda I u l-Iskeda II li jinsabu mal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, maqfulin sew f'post sigur ġewwa l-imsemmija residenza u żgura li ħadd ħliefu ma jkollu aċċess għalihom; (4) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala persuna li għandu liċenzja biex iżomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma żammx fil-kustodja tiegħu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddieħor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 47(1) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala detentur ta' liċenza taħt xi dispożizzjoni ta' l-Att dwar l-Armi, naqas milli jħares il-pattijiet tal-liċenza jew li kellu fil-pussess jew kien ġarr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati fil-liċenza maħruġa lilu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) U aktar talli fl-istess data u cioè nhar l-20 ta' Frar 2022, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Balzan, sitwata fi Pjazza Bertu Fenech, Balzan, u cioè ġewwa proprjetà pubblika, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta jew/u Gvern ta' Malta jew/u entitajiet oħra, liema ħsara ma tiskorrix €2,500.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u issolleva l-eċċezzjoni li kien fi stat ta' ġenn fiż-żmien tat-twettiq tar-reati addebitati lilu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 17 ta' Marzu 2023[22], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti *qua* Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

[21] Fol. 267 tal-proċess.
[22] Fol. 260 u 261 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 325(1)(b), 251B(1)(a), 222(1), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251HA, 202(h)(iii), 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 2(b), 2(h) tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 8(b) tal-Liġi Sussidjarja 480.02 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 47(1), 52, 56, 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B, 533, 579(1), 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qabel ma tittratta l-eċċezzjoni ta' l-istat ta' ġenn sollevata mill-imputat, il-Qorti ser tittratta kwistjoni li tirrigwarda n-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

Mill-imsemmija Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, jirriżulta immedjatament evidenti li l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għal, fost oħrajn, ir-reat previst fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia għall-kontravvenzjoni li b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, kif ukoll għall-vjolazzjoni u reat previsti fl-Artikolu 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jittrattaw dwar in-nuqqas ta' osservanza ta' waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet marbuta mal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.

Minn eżami akkurat tac-*charge sheet* però jirriżulta immedjatament evidenti li l-imputat qatt ma ġie mixli bil-kontravvenzjoni ai termini ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew bin-nuqqas ta' osservanza ta' waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet marbuta ma' xi benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest li seta' kellu l-imputat fiż-żmien tat-twettiq tar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri. Konsegwentement għalhekk ma saritx kumpilazzjoni dwarhom.

Huwa ormai prinċipju ġuridiku assodat illi *meta … ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3)* ***ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni***[23]*; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti. Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat*[24].

Fid-dawl ta' dan il-prinċipju għalhekk isegwi li din il-Qorti hija prekluża milli tiġġudika lill-imputat għall-ħtija jew ħtijiet previsti fl-Artikoli 338(dd) u 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Sorvolata din il-kwistjoni, il-Qorti tqis li għandha tikkonsidra l-eċċezzjoni ta' l-istat ta' ġenn sollevata mill-imputat, li tirrigwarda fl-ispeċifiku li huwa kien fi stat ta' ġenn fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reati lilu addebitati.

---

[23] Enfasi ta' din il-Qorti.
[24] Il-Pulizija v. Michael Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001.

Mill-provi prodotti tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri jirriżulta li dakinhar ta' l-20 ta' Frar 2022 l-imputat kien fi stat isteriku u aġitat ħafna u kien ukoll aggressiv. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' PS408 Mark Schembri li xehed dwar dak li qallu Vincent Muscat, mix-xhieda ta' l-istess Vincent Muscat, kif ukoll mix-xhieda ta' PC2090 Dorianne Farrugia.

Dwar l-istat ta' ġenn il-Liġi nostrali tipprovdi: *Kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt ta' l-att jew tan-nuqqas - (a) kienet fi stat ta' ġenn* - Artikolu 33(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-mod kif għandu jiġi interpretat u applikat dan il-provvediment tal-Liġi, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v. David sive David-Norbert Schembri** pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru 2008, fejn ġie osservat li: *kif inhu risaput, l-espressjoni "stat ta' ġenn" fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali għandha sinjifikat legali li mhux neċessarjament jattalja ruħu ma' dak li fil-mediċina jew fil-psikjatrija jitqies bħala "ġenn". Kif jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb tagħhom "Criminal Law": "It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder." Fi kliem ieħor, persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun għamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta għall-element materjali tar-reat, iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-persuna kienet fi "stat ta' ġenn" għall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 33(a), cioè tali li tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' ġenn li jeżenta mir-responsabbiltà kriminali jrid jirriżulta (imqar fuq bażi ta' probabbilità, meta d-demenza tkun ġiet eċċepita mill-akkużat jew imputat u allura l-piż ikun fuqu biex jipprova l-fatt) li l-akkużat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-moħħ li minħabba fiha, fil-mument tal-att ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv (i) jew mill-kapaċità li jifhem in-natura u l-kwalità ta' dak l-att li qed jagħmel, jew (ii) mill-kapacità li jifhem li dak li qed jagħmel hu ħażin, jew (iii) mill-kapacità li jagħżel jekk jagħmilx jew le dak l-att. Marda tal-moħħ – disease of the mind bl-Ingliż – mhux neċessarjament tkun patoloġija lokalizzata fil-moħħ – in the brain. Kif jispjega Lord Diplock fil-każ ta' Sullivan [1984] AC 156, u b'referenza għall-M'Naghten Rules – regoli, li wieħed m'għandux jinsa, jirreferu biss għall-kapaċità di intendere, mentri l-liġi tagħna tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm il-kapaċità di volere – "The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time …… But the meaning of the expression 'disease of the mind' as the cause of 'a defect of reason' remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten rules …… 'mind' in the M'Naghten rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules* - ossia li "…as not to know the nature and quality of the act he was doing…or…that he did not know he was doing what was wrong" - *it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act." U kif spjegat aktar fi Blackstone's Criminal Practice 2008: "It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease of the mind depends on the consequences it produces – impairment of the faculties of reason, memory and understanding. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these*

*purposes even though it is of physical rather than mental origin …… However not every cause of an impairment of these mental faculties is a disease of the mind. A disease is something internal to the accused and so: 'A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease'. L-istess jista' jingħad fil-każ ta' dipendenza, anke waħda qawwija, fuq drogi – tali dipendenza fiha innifisha ma tammontax għal marda tal-moħħ għall-finijiet tal-Artikolu 33(a) imsemmi. Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wieħed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo: "The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away the capacity to know the nature of his act or to help doing it." Dan l-istess insenjament ġie kkwotat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament komposta) fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri deċiża fl-4 ta' Marzu 2010. F'din l-aħħar sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali żiedet biss kwotazzjoni tal-awturi Timothy Jones u Michael Christie, b'riferenza għal-liġi sostantiva u proċedurali Skoċċiża u li hi simili ħafna għal dik tagħna: "The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed." Għalhekk sabiex l-eċċezzjoni tiegħu tal-ġenn tiġi milqugħa minn din il-Qorti, l-imputat jeħtieġlu jipprova, għall-inqas sal-grad tal-probabbli, li fil-mument li ikkommetta r-reat, hu kellu marda tal-moħħ, a disease of the mind, a differenza ta' a disease of the brain. Biex ikun hemm a disease of the mind dovuta għal kawża jew kawżi fiżiċi, dik il-kawża trid tkun effettivament ipprivat lill-imputat mill-kapaċtà li jagħraf (capacita di intendere) jew mill-kapaċità li jagħżel (capacita di volere).*

Fuq talba tad-Difiża, il-Qorti nnominat lil Dr. Joseph Cassar bħala Espert Psikjatra sabiex jeżamina lill-imputat għall-fini li jiddetermina jekk fiż-żmien meta twettqu r-reati addebitati lilu u/jew fiż-żmien tal-kumpilazzjoni, l-istess imputat kienx/huwiex fi stat ta' ġenn ai termini tal-Liġi o meno.

L-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar eżamina lill-imputat u fir-Relazzjoni tiegħu[25] ikkonstata s-segwenti: *Is-Sur Mamo qal li qabel dan l-inċident qatt ma kien ra psikjatra fħajtu. Wera għarfien dwar l-akkużi kontrih, li fehemhom b'mod sħiħ. Roderick jispjega kif fl-għoxrin ta' Frar tas-sena 2022, kien qiegħed jistenna kuntrattur jiġi d-dar biex jitħaddtu fuq kwistjoni ta' ħsarat fis-saqaf tad-dar, li jisħaq kienu kaġun ta' kostruzzjoni għaddej ma' ġenb id-dar. Jispjega kif din il-kostruzzjoni kienet ilha għaddejja minn Lulju tas-sena 2021, u hu kien ilu jinkwieta fuq is-sigurtà ta' din l-istess dar, minħabba ħsarat li ħass li kienu qed isiru. Dakinhar, Roderick jirrakkonta kif il-kuntrattur ma kienx ġie fil-ħin miftiehem u dan ġiegħlu jħossu iktar frustrat u mifxul. Jirrapporta wkoll li pejjep il-ħaxixa (Kannabis) bi skop li jikkalma, iżda ħassu iktar irrabbjat. Jisħaq li fittex xi ħwejjeġ tiegħu, inkluż flus u ħaxixa, li ma sabhomx. Dak il-*

[25] Dok. "JC" a fol. 28 sa' 34 tal-proċess.

*ħin deherlu li bilfors kienu nsterqu u ħaseb li kienu serquhom il-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu ma ġemb id-dar* - bħala fatt diversi xhieda li xehedu f'dawn il-proċeduri stqarru li dakinhar ta' l-20 ta' Frar 2022, l-imputat kien qed jirrepeti kontinwament li kienu serquh, li kienu serqulu l-ħaxixa. *Is-Sur Mamo jisġjega li dak il-ħin 'bdejt nintilef qisni', u li ħass forza kbira ġo fih. Jiftakar li kien iddendel mal-poġġamen tat-taraġ, 'biex naqilgħu'. Jiftakar ukoll li kien mar l-għassa tal-Pulizija ta' Ħal Balzan iżda sabha magħluqa, u f'ferneżija, imbotta l-bieb ta' l-Għassa 'l ġewwa. Roderick jisħaq li ma kienx jaf kemm kien għamel ħsara (kemm id-dar kif ukoll fl-Għassa), u li induna biss b'dan x'ħin intwera ritratti tal-ħsarat. Dwar iż-żmien ta' qabel l-inċident, Roderick jgħid li kien qiegħed jorqod biss kważi sagħtejn kull lejl, u li kellu nuqqas t'aptit għall-ikel. Jirrapporta wkoll li wara li beda jħossu hekk, beda jżid fl-użu tal-kannabis, b'konsegwenza li, issa jinduna, ħassu agħar. Japprezza li f'dak iż-żmien kien iħoss ukoll li kellu ħafna ħsibijiet f'moħħu għaddejjin b'mod veloċi u jipsjega li kien iħossu li huwa iktar b'saħħtu milli hu. Jinnega li kien qed jonfoq iktar mis-soltu, ikun iktar attiv b'mod sesswali, jew li kellu aġir iktar riskjuż mis-soltu. Is-Sur Mamo jispjega li dan kollu beda wara li tilef ix-xogħol (kaġun tal-COVID 19) u li bdiet il-kostruzzjoni ma' ġenb id-dar. Mistoqsi dwar il-passat tiegħu, Roderick spjega li qabel l-inċident ma kien ibati minn l-ebda mard, u ma kien jieħu l-ebda pilloli. Jispjega li fil-familja ma kien hemm ħadd li jbati minn problemi ta' saħħa mentali, għajr oħtu li tbati b'diżżabiltà intelletwali. Jispjega li kien jgħix m'ommu u oħtu ġewwa darhom Ħal Balzan, u li kien wieqaf mix-xogħol kaġun tal-COVID-19, fejn qabel kien jaħdem bħala chef. Jinnega li kellu problemi mal-Pulizija qabel dan l-inċident. Mistoqsi dwar użu ta' sustanzi, Roderick jispjega li kien juża l-kannabis kuljum, madwar erba' grammi. Jisħaq li madwar iż-żmien ta' l-inċident ma kienx qed juża sustanzi oħrajn, inkluż id-droga synthetic, jew jixrob b'mod eżaġerat.* ***Eżami ta' l-Istat Mentali*** *- Liebes addattat. Kalm, iżomm kuntatt ta' l-għajnejn regolari. Id-diskors kien normali u dirett għall-ħsieb. Il-proċess tal-ħsieb kien dirett għall-għan tiegħu. Il-kontenut tal-ħsieb kien normali. Ma deherx li hemm l-ebda sintomi ta' dipressjoni klinika jew xi disturbi affettivi oħra. Ċaħad ħsibijiet ta' mewt jew li jixtieq iweġġa lilu nnifsu. Ma jidhirx li hemm alluċinazzjonijiet. Konjittivament stabbli.* ***Informazzjoni mill-file tiegħu psikjatriku*** *- Is-Sur Mamo iddaħħal l-isptar Monte Karmeli bħala pazjent involontarju, taħt il-liġi tas-saħħa mentali, fil-wieħed u għoxrin ta' Frar tas-sena 2022. Dam ġewwa l-istess sptar sad-disgħa ta' Marzu ta' l-istess sena. Hemmhekk inbdewlu l-mediċini Risperidone - li hija Antipsychotic, u Lithium - li hija Mood Stabiliser, kif ukoll Lorazepam - kalmanta. Ġie discharged mill-isptar b'djanjożi ta' Mania; kundizzjoni li fiha persuna jaġixxi b'mod mhux is-soltu tiegħu, konsegwenza ta' elation, żieda fir-rata tal-ħsieb, kif ukoll problemi fil-konnessjoni bejn ħsieb u ieħor. Ġie dokumentat ukoll fin-noti ta' l-emerġenza li Roderick kien jinstab irritabbli, disinhinited, u li kellu livell t'attivita iktar għolja min-normal. Kien qiegħed jitkellem b'mod mgħaġġel (pressured speech) u li l-ħsieb tiegħu ma kienx dirett (thought derailment). Jidher li mogħti l-mediċini msemmija, is-Sur Mamo tjieb fl-istat mentali tiegħu u ġie stabbli. Dan saħqu wkoll Roderick fil-laqgħa fejn ġie eżaminat - li cioè ħassu aħjar meta nbdewlu l-mediċini.* ***Test - Brown Attention Deficit Disorder Scale*** *- Is-Sur Roderick Mamo ngħata wkoll it-test tal-Brown Attention Deficit Disorder (ADD) Scale. Skala li fiha jinsabu bosta domandi relatati ma' sintomi ta' Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD). Is-Sur Mamo ġie mogħti dan it-test għaliex fl-eżami li sar fit-23 ta' Marzu tas-sena 2022, dehret li fit-tfulija tiegħu seta' ukoll kien qed juri sinjali ta' dan. Huwa ġab riżultat ta' 64. F'dan it-test, riżultati ta' 55 jew aktar jirriżultaw fi probabilità ta' ADHD għolja - 'highly probable'. L-ADHD hija kundizzjoni fejn persuna għandu ċans aktar min-normal li jkollu aġir impulsiv - u li cioè huwa aġir fejn il-persuna ma jkunx ħaseb fil-konsegwenzi ta' l-istess aġir.*

A bażi ta' dawn il-konstatazzjonijiet, l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar ikkonkluda li: *1. Skond l-evidenza ta' dan l-eżami u wara qari tal-file tiegħu, waqt l-att imsemmi s-Sur Roderick kien qiegħed ibati minn Manic Episode, hekk kif iddefinita fid-Diagnostic and Statistical Manual of Mental Disorders, Fifth Edition (DSM-5) ta' l-American Psychiatric Association (kriterji mniżżla fl-aħħar ta' dan ir-rapport). Din hija forma ta' psikożi, ikkunsidrata bħala mard ta' ġenn tal-moħħ skond it-termini tal-liġi. L-użu żejjed tal-marjuana li kien qed jieħu s-Sur Mamo, jista' jagħmel effett iktar agħar tas-sitwazzjoni. 2. Dan ifisser li f'dak il-mument huwa ma kellux kapaċità jifhem il-konsegwenzi ta' l-imġieba tiegħu. 3. Din l-istess kundizzjoni ġiet ittratta b'riżultat li s-Sur Mamo llum jifhem il-kundizzjoni tiegħu, jagħraf il-bżonn tal-mediċini, kif ukoll il-bżonn li jevita l-użu ta' sustanzi, u qiegħed stabbli. 4. Jidher ukoll li s-Sur Roderick Mamo għandu probabilità għolja li jbati minn ADHD, li jżidlu r-riskju ta' aġir impulsiv. 5. Madanakollu, waqt l-eżami mal-psikjatra Dr. Joseph Cassar, is-Sur Roderick Mamo deher li kien kapaċi jifhem, jiżen u jwieġeb dak kollu li ġie mistoqsi lilu waqt dan l-eżami. 6. Għalhekk, fil-mument preżenti Roderick jinsab mentalment stabbli li jista' jittella' l-qorti u jirrispondi għal għemilu.*

Il-kriterji li jikkaratterizzaw Manic Episode - hekk kif imniżżla mill-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar fir-Relazzjoni tiegħu - huma: *A. A distinct period of abnormally and persistently elevated, expansive, or irritable mood and abnormally and persistently increased goal-directed activity or energy, lasting at least 1 week and present most of the day, nearly every day (or any duration if hospitalization is necessary). B. During the period of mood disturbance and increased energy or activity, three (or more) of the following symptoms (four if the mood is only irritable) are present to a significant degree and represent a noticeable change from usual behavior: 1. Inflated self-esteem or grandiosity. 2. Decreased need for sleep (e.g., feels rested after only 3 hours of sleep). 3. More talkative than usual or pressure to keep talking. 4. Flight of ideas or subjective experience that thoughts are racing. 5. Distractibility (i.e., attention too easily drawn to unimportant or irrelevant external stimuli), as reported or observed . 6. Increase in goal-directed activity (either socially, at work or school, or sexually) or psychomotor agitation (i.e., purposeless, non-goal-directed activity). 7. Excessive involvement in activities that have a high potential for painful consequences (e.g., engaging in unrestrained buying sprees, sexual indiscretions, or foolish business investments). C. The mood disturbance is sufficiently severe to cause marked impairment in social or occupational functioning, or to necessitate hospitalization to prevent harm to self or others, or there are psychotic features. D. The episode is not attributable to the physiological effects of a substance (e.g., a drug of abuse, a medication, or other treatment) or to another medical condition.*

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2022[26], għall-mistoqsija tal-Qorti *jiġifieri biex niftehmu x'aħna ngħidu, fil-mument illi twettqu l-allegati reati, kien fi stat ta' ġenn?* l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar wieġeb *korrett,* u in kontro-eżami ddikjara *kien jaf li qiegħed jagħmel dak li qed jagħmel għax kieku kien ikun diżorjentat imma ma kienx qed jikkunsidra li dak li qed jagħmel qed jagħmlu apposta imma kien moħħu għax kien qiegħed fi stat ta' ġenn qed iġegħlu jagħmlu.*

Mir-Relazzjoni u xhieda ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar jirriżulta ċar li dakinhar ta' l-20 ta' Frar 2022, l-imputat kien għaddej minn Manic Episode li wassal biex ma

---

[26] Fol. 25 sa' 27 tal-proċess.

kienx f'posizzjoni *jikkunsidra li dak li qed jagħmel qed jagħmlu apposta imma kien moħħu qed iġegħlu jagħmlu,* u konsegwentement kien fi stat ta' ġenn ai termini tal-Liġi. Għalkemm kien hemm l-użu tal-kannabis da parte ta' l-imputat kemm dakinhar kif ukoll fiż-żmien ta' qabel, dan l-użu ma wassalx għall-manic episode imma se mai seta' aggravah, iżda ma hemmx dubju li kien hemm l-*underlying* stat ta' ġenn ai termini tal-Liġi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta b'mod ċar li l-eċċezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 33(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mid-Difiża hija ġustifikata u konsegwentement l-istess għandha tiġi milqugħa u l-imputat għandu għal tali raġuni jiġi dikjarat eżenti minn kull responsabbiltà kriminali għar-reati lilu addebitati.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 33(a), 525 u 623 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-istat ta' ġenn ta' l-imputat fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu f'dan il-każ u b'hekk tiddikjara li fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu l-imputat kien fi stat ta' ġenn ai termini tal-Liġi, u konsegwentement issib u tiddikjara li l-imsemmi imputat huwa eżenti minn kull responsabilità kriminali għar-reati addebitati lilu f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikoli 525(3) u 623(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 37 tal-Kap.525 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monte Karmeli biex hemmhekk jibqa' taħt kustodja u miżmum skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Saħħa Mentali, Kap.525 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż li l-imputat jibqa' suġġett li jinżamm bis-saħħa ta' din l-ordni sakemm jinħeles mill-Qorti wara li tliet speċjalisti, li wieħed minnhom ikun l-ispeċjalista responsabbli, jippreżentaw rapport li l-imputat ikun jista' jiġi hekk meħlus.

Il-Qorti in fine tordna n-notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali **u** lis-Supretendent ta' l-Isptar Monte Carmeli.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**